MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 544/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**vs**
**Josef Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Josef Farrugia, ta’ 23 sena, iben Anthony u Mary xebba Cilia, imwieled Pieta nhar id-19 ta’ Marzu 1980 u residenti Facilita Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’ l-identita 168580(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar it-8 ta’ April, 2002, f’Marsaxlokk f’xi hin bil-lejl, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fond “Sublime Store”, Triq Zejtun, Marsaxlokk, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi LM1000, u hin li sar ghad-detriment ta’ Raymond Zahra;

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn ghaxar liri Maltin, izda anqas minn hamsin lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Raymond Zahra;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 15 ta' Frar 2005 (esebita a fol. 106 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fl-artikoli 261(b) (c), 263, 267, 278, 279, 325, 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010, l-imputat Josef Farrugia ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Il-Prosekuzzzjoni u id-Difiza irrimettew ruhhom ghal dak li jirrizulta fl-atti processwali ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret fit-8 ta' April 2002 mill-fond "Sublime Store", Triq Zejtun, Marsaxlokk. Mix-xhieda ta' Raymond Zahra l-propjetarju tal-imsemmi fond [1] jirrizulta li huwa kien ra l-imsemmi fond intatt l-ahhar darba fis-7 t'April 2002 ghall-habta tal-4.00pm u li meta mar fil-hanut fit-8 t'April 2002 ghall-habta tas-7.00am sab il-vetrina mkissra sab li kienu nsterqu Lm500 f'kontanti u cheque ta' Lm5 mill-cash register kif ukoll zewg bedroom sets li jiswew Lm195 kull wiehed, dinner set li jiswa

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2003 u fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li saret dwar din is-serqa a fol. 22 tal-process verbal inserit a fol. 35 tal-atti processwali.

Lm450 u erba' frames li jiswew Lm28 kull wiehed ilkoll neqsin. Raymond Zahra spjega li huwa sab il-hgiega tal-vetrina mkissra u x-"shutter" li kien hemm quddiem iz-zewg vetrini tal-hanut kienu miftuhin.

Dwar din is-serqa saret Inkjesta Magisterjali u l-Process Verbal relattiv jinsab inserit a fol. 35 tal-atti processwali fejn gew nominati diversi esperti li n-nomina taghhom giet debitament konfermata fil-proceduri odjerni permezz ta' digriet tat-28 ta' Novembru 2003 u ghalhekk ir-rizultanzi tal-Inkjesta Magisterjali u r-rapport tal-esperti hemm mahtura jiffurmaw parti integrali minn dawn il-proceduri. Mir-rapport konguntiv tas-Scene of the Crime Officers' PS659 Jeffrey Hughes u PS602 Jonathan Attard [2] jirrizulta li l-imsemmija esperti elevaw is-segwenti impronti digitali minn fuq il-post:-

"02 AXN 301 Imponta digitali misjuba fuq il-hgiega li kien hemm
fuq il-bankina, fuq il-parti ta' barra.

02 AXN 302 Impronti digitali misjuba fuq l-istess naha tal-hgiega li kienet fuq il-bankina.

02 AXN 303 Impronti digitali misjuba fuq l-istess naha tal-hgiega li kienet fuq il-bankina.

02 AXN 304 Impronti digitali misjuba fuq l-istess naha tal-hgiega li kienet fuq il-bankina.

02 AXN 305 Impronti digitali misjuba fuq in-naha l-ohra tal-hgiega li kienet fuq il-bankina.

02 AXN 306 Impronti digitali misjuba fuq l-istess naha tal-hgiega li kienet fuq il-bankina.

02 AXN 307 Impronta digitali misjuba fuq il-hgiega tas-"shopwindow" minn barra.

[2] Rapport inserit a fol. 27 et sequitur tal-Process Verbal.

02 AXN 308 Impronta digitali misjuba fuq il-hgiega tas- “shopwindow” minn gewwa.

02 AXN 309 Impronta digitali misjuba fuq il-hgiega tas-“shopwindow” minn gewwa.

02 AXN 310 Impronti digitali misjuba fuq il-hgiega tas-‘shopwindow’ minn gewwa.

02 AXN 311 sa 314 Erba ritratti bil-kulur li juri minn liema post gie elevat l-lifter dok 02 AXN 301 sa 310.

02 AXN 315 sa 324 Ghaxar ritratti ‘black & white’ kopji tal-lifters dok 02 AXN 301 sa 310.”

Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f’dan il-kaz, is-Supretendent (fiz-zmien in dizamina Spettur) Silvio Valletta[3] iirrizulta li ftit wara li sehhet din is-serqa l-Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat Josef Farrugia seta’ kien involut fis-serqa u ghalhekk fl-24 ta’ Mejju 2002 saret talba lil Magistrat Inkwirenti sabiex jittiehdu l-impronti digitali tal-imputat sabiex imbaghad dawn jigu mqabbla ma dawk elevati mill-esperti tas-Scene of the Crime, u cioe’ l-lifters elenkati fil-paragrafu precedenti. Permezz ta’ digriet tas-27 ta’ Mejju 2002 il-Magistrat Inkwirenti nnominat lil PC956 Andrew Caruana[4] sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat Josef Farrugia u fil-11 ta’ Lulju 2002 l-Magistrat Inkwirenti nnominat lill-espert tal-impronti digitali Ivan Portelli [5] sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk elevati minn fuq is-Scene of the Crime. L-espert Ivan Portelli kkonkluda s-segwenti wara li ghamel dan l-ezami komparattiv:-

“*Illi id-dokument 02AXN301 jaqbel mal-pala tal-id ix-xellugija ta Josef Farrugia, document immarkat bhala Ahmar 44. Illi id-dokument 02AXN303 jaqbel mas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta’ Josef Farrugia document immarkat bhala Ahmar 43. Illi id-dokument 02AXN307*

[3] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 t’Otubru 2003.
[4] Rapport relattiv inserit a fol. 41 et sequitur tal-Process Verbal.
[5] Rapport ta’ Ivan Portelli jinsab inserit a fol. 45 tal-Process Verbal.

*jaqbel mas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta' Josef Farrugia, document immarkat bhala Ahmar 43. Id-dokument 02AXN308 hi sekwenza ta' impronti digitali li taqbel mas-saba l-werrej, is-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Josef Farrugia, document immarkat bhala Ahmar 43. Illi id-dokument 02AXN309 hi sekwenza ta' impronti digitali li taqbel mas-saba l-werrej, is-saba tan-nofs, is-saba tac-curkett u s-saba z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Josef Farrugia, document immarkat bhala Ahmar 43. Illi id-dokument 02AXN310 hi sekwenza ta' impronti digitali li taqbel mas-saba l-werrej, is-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Josef Farrugia, document immarkat bhala Ahmar 43.*

*Illi id-dokumenti l-ohra jigifieri 02AXN302, 02AXN304, 02AXN305 u 02AXN306, huma kollha impronti li kienu nieqsa mill-punti karatteristici u ghaldaqstant mhux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni, ghaldaqstant ma' jistghux jigu ikkomparati mad-dokumenti immarkati bhala Ahmar 43 u Ahmar 44, formoli tal-impronti digitali u formoli tal-pali tal-idejn ta' Josef Farrugia, rispettivament."*

Minn dawn il-konkluzjonijiet jirrizulta li zewg impronti digitali li nstabu fuq il-hgiega li kien hemm fuq il-bankina fuq il-parti ta' barra, kif ukoll impronta digitali li giet misjuba fuq il-hgiega tax-"shop window" minn barra u tlett impronti digitali li nstabu fuq il-hgiega tax-"shop window" minn gewwa kienu lkoll jaqblu mal-impronti digitali tal-imputat. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur kif ukoll mix-xhieda ta' PS1453 Brian Scicluna [6] jirrizulta li meta huwa ha lill-imputat fil-fond in dizamina u cioe' "Sublime Store", Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk u dan ovvjament wara li kienet saret is-serqa in kwistjoni l-imputat qallu li huwa qatt ma kien resaq l-hemm u qatt ma' kien dahal gewwa dan il-hanut.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma kien hemm ebda raguni l-ghala kellhom jinstabu sitt impronti digitali tal-imputat kemm fuq in-naha ta' gewwa kif ukoll fuq in-naha ta' barra tal-hgiega tal-hanut hlief jekk mhux ghaliex l-imputat

[6] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 28 tal-atti processwali

effettivament wettaq is-serqa li saret fit-8 t'April 2002. Mill-provi rrizulta wkoll li s-serq kien aggravat bil-valur u bil-mezz u rrizulta wkoll li saret hsara billi tkissret il-hgiega tal-vetrina tal-hanut. Dwar din l-akkuza ta' hsara volontarja l-Qorti ser tikkunsidra li tali hsara kienet mezz ghall-fini tar-reat ta' serq u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward. Ghalkemm fic-charge sheet hemm indikat ukoll l-aggravju tal-hin dan ma' jirrizultax ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ghaliex sid il-hanut iddikjara li huwa kien ra l-post intatt l-ahhar darba fis-7 t'April 2002 ghall-habta tal-4.00pm. Inoltre irid jigi rilevat li l-Artikolu tal-ligi rigwardanti l-aggravju tal-hin ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-15 ta' Frar 2005.

L-imputat Josef Farrugia jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv u fil-fehma tal-Qorti anki din l-akkuza tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li a fol. 24 sa 27 giet esebita sentenza tas-7 ta' Mejju 1999 fejn l-imputat kien instab hati ta' serq kif ukoll ta' ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar din is-sentenza saret id-debita prova tal-identita' permezz tax-xhieda tal-Ispettur Mario Bonnici li xehed waqt l-udjenza tat-22 t'Ottubru 2003.

L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-aggravju tal-hin ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li mill-fedina penali tieghu jidher li huwa diga' inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu minn dawn il-Qrati izda huwa naqas milli juzufruwixxi minn din l-opportunita' u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. In vista tad-dewmien f'dawn il-proceduri, liema dewmien kien in gran parti attribwibbli lill-Prosekuzzjoni u mhux lill-imputat il-Qorti jidrilha li l-piena imposta ghandha tkun aktar vicin il-minimum milli l-massimu imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mil-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-15 ta' Frar 2005 u senjatament l-Artikoli 261(b) (c), 263, 267, 278, 279, 325,

49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat Josef Farrugia hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ sitt mija u tlieta u erbghin ewro u disgha u erbghin ewro centezmi (€643.49) liema ammont jirrigwarda l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------